**13 ta' Diċembru, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Capt. Arthur Gera

**Traffiku — "Res Ipsa Loquitur" — "Sudden Emergency"— "Pedestrian".**

*Jekk f'inċident tat-traffiku jikkonkorru ċirkustanzi li jikkostitwixxu "Res Ipsa Loquitur", dawk iċ-ċirkustanzi ma jistgħux ma jwaqqgħux ix-xhieda kuntrarja tad-driver involut fl-inċident.*

*Jekk id-driver kien qiegħed isuq bi speed eċċessiv, u anki irraġjonevoli fiċ-ċirkustanzi tal-ħin u tal-lokalità, il-fatt li huwa jara char-a-banc wieqaf fil-stage jimponilu grad akbar ta' attenzjoni, fejn hu mistenni li jinżlu minnu n-nies u jaqsmu l-linja tat-traffiku; a differenza tal-każ fejn passiġġier johroġ minn char-a-banc mhux fi stage regolari u f'daqqa waħda.*

*Id-difiża tas-"sudden emergency" ma tistgħax tiġi sollevata b'suċċess meta kien hemm "qabel" vjolazzjoni mill-parti tad-driver, għax allura jkun hu stess li holoq l-emerġenza b'dik li tissejjaħ "self-created incapacity", in kwantu li ma setgħax iżomm "a tempo" stante li kien miexi bi speed żejjed.*

*Hawn Malta, il-"pedestrians" ma għandhomx il-benefiċċju ta' sistema organizzat ta' "controlled crossings", u għalhekk din iċ-ċirkustanza għandha tiġi kunsidrata f'każi ta' investiment ta' "pedestrians". Kieku d-driver kien qiegħed isuq sewwa, vwoldiri bi speed adattat għaċ-ċirkustanzi tal-post, allura l-"pedestrian" li jiġi ferut kien jilħaq jaqsam it-trieq b'inkolumità, jew, kieku baqa' xi ftit lura, id-driver kien jilħaq iżomm fil-ħin.*

Il-Qorti:— Rat l-att tar-rinviju tal-Attorney General tal-31 ta' Lulju 1958, tal-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismi-

jiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tiddeċidi fuq l-akkuża talli l-imputat, fit-22 ta' Mejju 1958, għall-ħabta tat-8.30 p.m., b'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, u b'nuqqas ta' *tħaris tar-regolamenti,* waqt *li kien* isuq *il-karrozza* numru 16232 f'Marina Street, il-Gżira, laqat lil James Arthur Mackin u kkaġunalu offiża ta' natura gravi, minħabba li ġieblu perikolu tal-mewt, minħabba li ġieblu marda tal-ġisem li damet aktar minn tletin ġurnata, u minħabba li ġieblu marda permanenti tal-moħħ, skond ma ċċertifikaw it-tobba Dr. T.V. Camilleri, M.D., u Dr. F. Pullicino, M.D.;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Awissu 1958, li biha sabet lill-imputat ħati talli b'nuqqas ta' ħsieb, tras*kuraġni u inosservanza tar-regolamenti, waqt li kien qiegħed* isuq il-karrozza nru. 16232, laqat lil James Arthur Mackin, u kkaġunalu offiża ta' natura gravi, u kkundannatu għall-piena ta' £30 multa; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, għal dak li hu speed eċċessiv, l-imputat ammetta li hu kien miexi bi speed ta' minn 30 sa 35 mil fis-sigħa. Barra mill-ammissjoni tiegħu, il-provi juru wkoll li huwa kien miexi b'dan li speed, vwoldiri minn 10 sa 15 il-mil fissigħa iżjed minn dak ta' 20 mil li hu permess mill-liġi għall-lokalità fejn saret il-kolliżjoni;

Kwantu għad-dwal tal-car tal-imputat u għas-"side of the road" jidher li l-imputat kien isegwi sewwa r-regolamenti tat-traffiku;

Ikkunsidrat;

Dwar il-kwistjoni sollevata mid-difensur tal-imputat, fis-sens li l-milqut James Mackin ma kienx qiegħed isegwi r-regolamenti tat-traffiku relattivi għall-"pedestrians" billi huwa ħareġ f'daqqa għal nofs it-triq minn wara bus, u għamel hekk mingħajr ma ħares, hu ta' min jikkunsidra l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u dawk prodotti mid-

difiża, u jara minn dawn il-provi liema minnhom huma konformi għall-verosimiljanza tal-każ kif ġara, Mix-xhud tal-Prosekuzzjoni Teresa Mackin jidher illi......;

*Omissis*;

Minn dan jidher illi l-versjoni mogħtija mix-xhud Teresa Mackin hija iżjed verosimili, meta qalet li r-raġel tagħha kien xi pass jew tnejn il-bogħod minnha meta hi telgħet fuq il-bankina; tant hu hekk illi......;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-fatt li ta lok għal din il-kawża ġara fit-22 ta' Mejju 1958, għal xi 8.30 ta' bil-lejl, x'ħin l-imputat kien qiegħed isuq car f'Marina Street, Gżira, sejjer lejn tas-Sliema. Meta wasal sewwa sew quddiem Ponsonby Street, huwa nvesta lil ċertu James Arthur Mackin, li kien qiegħed jaqsam it-trieq f'dak il-ħin. Mackin ġie ferut gravement;

L-espert nominat mill-Ewwel Qorti, ġie għall-konklużjoni li l-kawża prossima tal-investiment kien li-speed eċċessiv u irraġjonevoli li bih kien qiegħed isuq l-imputat, bażata fuq il-motiv li, kieku hu kien qiegħed isuq bi speed regolamentari, kien ikun jista' jieqaf a tempo u ma jolqotx lil Mackin. Il-konklużjoni tal-perit ġiet adottata mill-Ewwel Qorti;

Id-difiża tal-imputat hi fis-sens tax-xhieda tiegħu, illi ċjoè hu ra lil mart il-ferut, Teresa Mackin, taqsam it-trieq minn xi tletin jarda bogħod — kienet qegħedha taqsam weħedha; hu għafas il-brake biex inaqqas li-speed, u mhux biex jieqaf; meta ra lill-mara titla' fuq il-bankina, neħħa siequ mill-pedala tal-brake, u kif għamel hekk ħareġ ir-raġel tagħha minn wara x-char-a-banc bla ma jħares, iġri; l-imputat għafas il-brake, però l-istess laqtu. Id-difiża, biex issostni t-teżi tagħha, qalet li l-"brake marks" kienu

densi għall-ewwel, jiħfiefu wara, u mbgħad densi darb' oħra — ċirkustanza li, skond id-difiża, turi li kien hemm applikazzjoni tal-brakes għal darbtejn; għalhekk, in sostanza, id-difiża qegħdha tinvoka dik li tissejjaħ "defence of sudden emergency", jew "inevitable accident";

Din il-Qorti ma tħossx li tista' taqbel ma' din il-versjoni; għar-raġunijiet li ġejjin:—

*Omissis;*

Dawn huma ċirkustanzi li jikkostitwixxu "res ipsa loquitur", u li għalhekk ma jistgħux ma jwaqqgħux ix-xhieda tal-imputat;

Il-vera kawża tal-kolliżjoni kienet li l-imputat kien qiegħed isuq bi speed żejjed, u għalhekk ma setgħax iwaqqaf a tempo; Teresa Mackin ħellsitha, u żewġha nqabad għax kien xi pass lura; u kullħadd jaf li, b'car li qiegħed jinsaq bi speed qawwi, dawn huma affarijiet li jiġru b'differenza ta' "split second";

L-imputat qal li hu kien qiegħed isuq bi sjeed ta' bejn 30 u 35 mil fis-sigħa. Fil-fatt, tul ta' "brake marks" ta' tlieta u sebgħejn (73) pied fuq iż-żewġ roti juri, anki meta wieħed iqies il-fattur tar-"retardation" tal-car, speed ta' bejn 35 u 40 mil fis-sigħa, mentri f'dik il-lokalità li "speed limit" hu ta' 20 mil fis-sigħa. Apparti li kien speed in eċċess tar-regolamenti, kien ukoll speed irraġjonevoli, fiċ-ċirkustanzi tal-ħin u tal-lokalità. L-imputat jgħid li, qabel ma wasal Ponsonby Street (li hu biswit li-stage tal-buses), hu kien ra x-char-a-banc fli-stage. Din iċ-ċirkustanza kienet timponi grad ta' attenzjoni akbar fuq l-imputat; għaliex dak hu staġe fejn mhux biss jirkbu, imma fejn jistgħu anki jinżlu n-nies, u n-nies li jinżlu jkunu diretti mhux għan-naħa tal-lemin, għax hemm ma hemmx ħlief il-baħar, imma għan-naħa tax-xellug, ċjoè biex jaqsmu t-trieq, ossija jaqsmu l-linja tat-traffiku, fejn kien qiegħed isuq l-imputat. Jingħad fit-testi in materja, a propożitu ta' nies li jinżlu minn tram-car, applikabbli per analoġija għal nies li jinżlu minn char-a-banc:— "Of course, where the tram-car has stopped at the regular stopping place for

the purpose of taking on or discharging passengers, the case is different, since the motorist is bound to anticipate that passengers will be getting off and on the tram-car" (Gibb, "Trial of Motor Car Accident Cases", page 53, sec. 61);

*Qieghed* jghid dan l-awtur li l-każ hu "*differenti*" minn dak fejn passiġġier joħroġ mill-karrozza mhux fi stage regolari u f'daqqa waħda. Fil-każ preżenti, il-bus waqaf fi stage regolari;

Għandu jiżdied li d-difiża tas-"sudden emergency" ma tistgħax tiġi sollevata b'suċċess meta kien hemm "qabel" vjolazzjoni mill-parti tad-driver; għaliex allura jkun hu stess li ħalaq l-"emergency" b'dik li tissejjaħ "self-created incapacity"; inkwantokkè ma setgħax iżomm a tempo, appuntu għaliex kien qiegħed isuq bi speed żejjed. Il-"pedestrian" hawn Malta ma għandux il-benefiċċju ta' sistema organizzat ta' "controlled pedestrian crossings"; u għalhekk f'din ix-xorta ta' investimenti din iċ-ċirkustanza għandha tiġi kunsidrata;

L-imputat, għalhekk, ma ppruvax bl-ebda mod li l-ferut ħareġ f'daqqa waħda u f'ħin meta hu, ċjoè l-imputat, kien qiegħed isuq bi speed raġjonevoli; invece jirriżulta l-kuntrarju, u kollox juri li, kieku l-imputat kien qed isuq sewwa, vwoldiri bi speed adattat għaċ-ċirkustanzi tal-post, allura jew il-ferut kien jilħaq jaqsam b'inkolumità, jew, kieku baqa' xi ftit lura, l-imputat kien jilħaq iżomm fil-ħin;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. *Żmien* għall-ħlas sat-18 ta' dan ix-xahar.